TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 64/18/F

**Anna Rita Buhagiar**

**vs**

**A to Z Electronics**

Illum 21 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 t'April, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmien mija u ħamsin ewro, u sebgħin ċenteżmi (€850.70), rappreżentanti l-prezz ta' mobile phone li kellu diversi ħsarat, illi mbagħad wara viċin is-sentejn ma baqax jaħdem.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għat-tieni seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tal-istess soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija kienet xtrat mobile phone mingħand id-ditta ntimata għall-prezz ta' tmien mija u ħamsin ewro, u sebgħin ċenteżmi (€850.70), u mall-ewwel beda bil-problemi. Kien hemm diversiproblemi matul iż-żmien li kien ilu għandha, pero' irriżulta li viċin is-sentejn, meta ħaditu għand ta' l-Icentre, irriżulta li kien daħal xi likwidu u li għalhekkma baqax jaħdem.

It-Tribunal, jinnota pero' illi tul is-sentejn li kien ilu għandha kien hemm diversi problemi li ma kienx żgur tort tar-rikorrenti li ma kinux ġew solvuti, illi fl-aħħar imbagħad inqala' dak li nqala'.

It-Tribunal, qiegħed jaċċetta li l-garanzija fl-aħħar tas-sentejn ġiet invalidata minħabba l-fatt li kien hemm xi likwidu, pero' xorta kellha problemi tul dan iż-żmien.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888